MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Numru 204/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ISAM ITIYA IBDOLLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ISAM ITIYA IBDOLLA** ta' sitta w ghoxrin sena bin Itiya u Zara neee El-Huwad, imwieled Tripoli nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 1979 u joqghod 'Kartina Flats', Flat 5, Triq l-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, detentur ta' passaport numru 405235 gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fl-erbgha ta' Frar 2006, gewwa l-inhawi ta' San Giljan, kif wkoll f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, biex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew gal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita

pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja falsifikata fuq vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JAF 761;

2. talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza licenzja ffalsifikata;

3. talli fl-istess data u hinijiet taht l-istess cirkoztanzi saq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JAF 761 minghajr ma kellha licenzja kurrenti sabiex tintuza fit-toroq;

4. talli fl-istess data u hinijiet taht l-istess cirkostanzi, saq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JAF 761 minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni dwar ir-risku ta' terzi persuni;
5. talli nhar l-erbgha ta' Frar 2006, ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar fi Triq Sant'Andrija, San Giljan, involuntarjament ikkommetta hsara fuq traffic lights liema hsara hija ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta tat-Trasport Pubbliku.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f'kaz ta' htija tissospendi lil imputat minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat l-atti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' April 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat qatt ma kiser dufrejh mal-ligi w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz sa mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu;

4. Il-fatt li l-incident kien wiehed fejn l-imputat qabad u scannja r-*road license* tieghu u biddel l-annu fuqha u li din kienet l-unika falsifikazzjoni li ghamel..

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 185(2), 186, 187, 188, 189, 328 tal-Kap 9, l-artikoli 15, 16, 18, 31 tal-Kap 65 u l-artikolu 34 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ISAM ITIYA IBDOLLA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' xahar sospiz ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**Oltre dan qed tikkundanna lil imputat ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin lira maltin bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax ta’ Lulju 2006. Fin-nuqqas li l-imputat ma**

**jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------